# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 37/2026**

Data: L-Erbgħa 22 ta' April 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:40 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

37.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

37.2 MINUTI

37.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

37.4 KORRISPONDENZA

37.5 PLANNING AUTHORITY

37.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

37.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

37.8 MISTOQSIJIET

37.9 MOZZJONIJIET

37.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

37.11 FINANZI

37.12 TRAFFIC MANAGEMENT

37.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

37.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

37.15 STAFF

37.16 PURCHASE REQUEST FORM

37.17 ĦLASIJIET

37.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 37.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**37.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 37.2 MINUTI

**37.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7402/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 36/2026 bid-data 24 ta' Marzu 2026.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.2.2** s-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7403/26/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa tal-Lokalita' bid-data 8 ta' April 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**37.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 37.4 KORRISPONDENZA

**37.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza li fit-28 ta' April 2026 ser ikun qed jiġi ffirmat ftehim msejjaħ bħala 'Memorandum of Understanding' (MOU) bejn il-Pulizija ta' Malta u l-Anzjanità Attiva ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali, fil-preżenza tal-Ministru Byron Camilleri u tas-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius Galea.

## 37.5 PLANNING AUTHORITY

**37.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-aħħar laqgħa ġew diskussi l-pjanti tal-binja tas-sejba Punika, fejn inbiddlu l-pjanti u għaldaqstant tkellem mal-Perit u kien hemm qbil li jekk ikun hemm tibdil fil-pjanti, issir oġġezzjoni. Is-Sindku qara korrispondenza mingħand il-Perit annessa bħala 'Dok A'. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill kien tkellem magħhom u talab li fin-naħa fejn hemm l-isqaq

fejn kienu ser iħallu ġnien, dan għandu jgħaddi għand il-Kunsill Lokali permezz ta' kuntratt u jkun proprjetà tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellux din il-korrispondenza. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li l-bini li kienu tkellmu fuqu huwa 'aligned' mal-bini eżistenti, kien hemm triq li tneħħiet peress li l-bini naqas, u sar bini biss mat-triq. Il-Kuns J Scicluna qalet li qed tinbena din il-binja u mhux qed jingħata xejn lura lill-komunità, u ser ikun hemm pressjoni fuq it-trasport pubbliku, fejn diġà hemm problema fuq il-waqfa tal-karozza tal-linja l-isem ta' Punika, minħabba li mhux ir-residenti kollha jirnexxilhom jirkbu minn hemm. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna li għandha titlob li ssir laqgħa oħra ma' Transport Malta biex din terġa tiġi diskussa. Il-Kuns C Bonello qal li meta talab biex isir il-'capacity building exercise' fuq il-Fgura kollha, il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill ma qablux, fejn ir-raġuni għal dan kienet li kien qed isir mir-Reġjun. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li l-Kunsill oġġezzjona u ser jimxi minn hemm.

## 37.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**37.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn naħa tad-Dipartiment rigward applikazzjonijiet għall-permessi minħabba armar tal-festi, marċi, programmi mużikali u purċissjonijiet fl-istaġun tal-festi li ġej. Is-Sindku qara korrispondenza annessa bħala 'Dok B'.

**37.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni għal Minn Pjazza għal Pjazza, pero irċieva korrispondenza mid-Dipartiment li l-lokalità tal-Fgura ma kinitx waħda mil-lokalitajiet li ntagħżlet mill-Bord. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal konferenza stampa fejn kienu ser jiġu mħabbra l-lokalitajiet magħżula, pero m'attendiex ladarba l-Fgura ma ntagħżlitx.

## 37.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**37.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill għandu talba oħra għall-kirja tal-bankarelli mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għal tlett ijiem bejn it-12 u l-14 ta' Mejju 2026 ġewwa l-MICAS fil-Furjana, li tammonta għal €3,750. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistoqsi kemm tiżen kull bankarella, fejn kull waħda tiżen 85kg. Is-Sindku qal ukoll li bħala kirjiet tal-bankarelli kien hemm ukoll lill-iskola Primarja taż-Żejtun u lir-Reġjun Port ġewwa l-Furjana. Is-Sindku kompla jgħid li l-bankarelli ġew ibbukkjati biex jinkrew lill-Kottonera Foundation għall-avveniment f'Ġunju u ieħor għall-aħħar tas-sena. Il-Kuns C Bonello qal li meta jkunu ser jinkrew il-bankarelli, dawn għandhom jiġu trasportati mill-Kunsill, pero jekk ikunu jridu jiġu mtellgħin fuq, il-Kunsill ma jidħolx fiha. Is-Sindku qal li

jaqbel mal-Kuns C Bonello. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-Kunsill irid joqgħod attent li jekk jiġu mtellgħin fuq, ma ssirilhomx ħsara. Is-Sindku wieġeb li għalhekk jitħallas id-depożitu biex f'każ li jiġri dan, ikun jista jinżamm id-depożitu biex ikopri għall-ħsarat. Is-Sindku qal li rigward il-prezz tat-trasport tal-bankarelli qed jinġabru l-kwotazzjonijiet, u dan qed jiġi nkluż mal-prezz tal-kirja. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu jkollu kuntrattur li dejjem iġorr il-bankarelli u jkun responsabbli peress li jkollu nteress li jibqa jġorrhom. Is-Sindku qal li jaqbel ma' dan pero jrid jinstab xi ħadd li jkollu trakk kbir biex joqgħodu l-bankarelli kollha.

**37.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward l-ilma bis-sapun li qed jintrema taħt il-bankina mill-appartamenti ta' Alpha Courts fi Triq Sant'Elija, huwa mar mal-Pulizija fuq il-post fejn daħlu għand ir-residenti u ppruvaw jifhmu is-sistema tal-katusi tal-ilma. Is-Sindku qal li sabu tnejn li ġew skonnettjati minn mar-'rainwater' u s-Surġent qaltilhom li jekk terġa ssir spezzjoni u jinstab l-ilma, ser jeħlu multa. Is-Sindku qal ukoll li jonqoshom iduru erba' blokok ta' appartamenti oħra, fejn ser ikompluhom wieħed wieħed, però l-kelma bdiet tiġri u għaldaqstant bdew jaqilgħu l-pajpijiet minn ġol-katusi. Is-Sindku qal li ħafna minn dawn ir-residenti tal-blokok tal-appartamenti huma barranin.

**37.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li nkriet is-sala tal-Kunsill mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali għad-29 ta' April fis-6:30pm, biex issir 'public lecture' fl-okkażjoni tal-għoxrin sena anniversarju, għall-prezz ta' €150 skont il-bye law peress li l-iskop huwa wieħed edukattiv. Is-Sindku qal li jekk l-iskop ma jkunx wieħed edukattiv, il-prezz tal-kirja huwa ta' €300.

**37.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Gvern ħareġ sejħa biex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw għal 'recreational open space, sensory play areas which include dog parks and cat cafés'. Is-Sindku qal li l-Kunsill tkellem ma' Project Green, peress li din l-iskema ġejja mill-Ministeru tal-Agrikoltura, biex jara jekk jistax jinkorpora dan il-proġett ġewwa l-Park imma m'aċċettawx. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikellem lill-Ministeru tal-Agrikoltura fejn ser jirreferilhom siti li huma mikrija għand terzi mingħand il-Gvern, li huma ODZ u ma jistgħux jinbnew jew jinħadmu, biex parti minnhom tiġi devoluta lill-Kunsill u d-'dog park' jew il-'cat café' jsiru hemm.

**37.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva lura l-flus mill-Water Services Corporation għall-'pipe laying and fixing' ta' Triq is-Summiena li kienu jammontaw għal €7,236.06. Is-Sindku qal li fejn jidħol 'trenching', tħammil u konkos, dawk huma spejjeż tal-Kunsill Lokali li jammontaw għal €11,680.90 u li jridu jitħallsu lill-kuntrattur.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7404/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-pagament anness ta' €11,680.90 kif ukoll dak ta'

€7,236.06 lill-BI Contractors għax-xogħol imwettaq fi Triq is-Summiena ta' trenching and pipe laying.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġabar il-kwotazzjonijiet għal żewġ 'sleeping police' fi Triq ir-Rgħajja u Triq Sigismondo Savona. Is-Sindku qal li fl-irħas kwotazzjoni, in-nofsijiet huma għall-prezz ta' €16.00 fejn qabel dawn kienu jinxtraw €45.00 'il waħda, filwaqt li l-irjus huma għal-prezz ta' €38.00 fejn qabel dawn kienu jinxtraw €80.00 'il waħda.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7405/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għal żewg sleeping police fi Triq ir-Rgħajja u Triq Sigismondo Savona.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li tkellem mal-Ministru tat-Trasport fejn talbu l-assistenza tiegħu biex isir 'embellishment' fil-bitħa ta' Triq Mary Carter fejn hemm il-'flats' tal-housing u laqà t-talba tiegħu. Is-Sindku qal li ddiskuta ma' Tourism Zones Regeneration Agency biex isiru 'pots' isbaħ, arbuxelli u bankijiet b'budget ta' €2,000. Is-Sindku kompla jgħid li nġabru l-kwotazzjonijiet, fejn l-irħas waħda kienet dik ta' €2,360 u li lill-kuntrattur ser iħallsu l-Kunsill u wara jsir rimbors lill-Kunsill mit-Tourism Zones Regeneration Agency.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7406/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni għall-embellishment ġewwa Triq Mary Carter hekk kif anness, liema spiża ser tiġi rimborsata lura mit-Tourism Zones Regeneration Agency.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li l-kuntratt ta' sena tal-avukat tal-Kunsill skada, u nġabru l-kwotazzjonijiet inkluż tiegħu wkoll, fejn reġa kien l-irħas wieħed.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7407/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għas-servizzi legali meħtieġa mill-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill wasal biex jerġa jġedded l-'agreement' tal-'vending machine' li hemm fi Pjazza Patri Redent Gauci.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7408/26/9** 'Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Adrian Burnell rigward il-vending machine fi Pjazza Patri Redent Gauci jiġi mġedded għal sena mill-10 ta' Mejju 2026 - 9 ta' Mejju 2027.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kien beda bis-sistema l-ġdida taż-Zoho fejn l-invoices u dokumenti oħra relatati jidħlu f'din is-sistema 'online' u kollox ikun miġbur fiha, u li wasal biex jagħmel it-tiġdid li ser isir għal sena.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7409/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tiġdid ta' Zoho Books għas-somma ta' mhux aktar minn €290 (VAT inkluż) fis-sena.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.11** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva ittra legali rigward każ fejn kienet waqgħet siġra fuq vettura privata fi Triq il-Kampanella ġewwa l-Fgura, biex il-Kunsill Lokali iħallas l-ispiża tal-ħsarat li ġarrab fuq il-vettura tiegħu. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok Ċ'. Is-Sindku qal li l-ispiża hija ta' €1,752. Il-Kuns C Bonello qal li s-siġar li hemm fit-toroq tal-Fgura huma responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni, kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill, li l-Kunsill għandu jkellem lill-avukat tal-Kunsill għal parir legali.

**37.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kien irċieva €5,000 mir-Reġjun Port, fejn il-Kunsill ħoloq dokumentarju dwar il-Foss u kif evolviet il-lokalità tal-Fgura. Is-Sindku qal li xtaq li jsir 'launch' ta' dan id-dokumentarju u mhux jittella biss fuq il-midja soċjali. Is-Sindku żied jgħid li kellu laqgħa mas-sid ta' Galleria Cinema li tinsab fil-Fgura u ntalab biex jassisti lill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li s-sid laqà t-talba u ser ikun qed joffri 'cinema' b'xejn sabiex isir il-'launch' ta' dan id-dokumentarju fil-15 ta' Mejju 2026 fis-6.00pm, fejn ser isir ukoll xi diskors mill-President tar-Reġjun u mis-Sindku stess. Is-Sindku kompla jgħid li d-dokumentarju ser ikun qed jintwera sal-ġimgħa ta' wara, possibilment fuq tlett ijiem filgħodu u filgħaxija, biex anke jkunu jistgħu jarawh it-tfal tal-iskola.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7410/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ammont ta' €500 għall-attività tal-launch ta' dokumentarju ġewwa Galleria Cinema fil-15 ta' Mejju 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.7.13** Is-Sindku nforma l-kamra li peress li rriżenjat l- ex Segretarju Eżekuttiv, il-vannijiet tal-Kunsill iridu jinqelbu fuq id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-vann tal-Kunsill li jiġi użat mill-ħaddiema tal-Kunsill biex isiru x-xogħolijiet fuq barra, il-Kunsill tkellem mal-'insurance' fejn ingħatat kwotazzjoni għal polza tal-assigurazzjoni u ġie spjegat li ser jintilef in-'no claim bonus'. Wara diskussjoni, kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill, li l-Kunsill għandu jerġa jkellem lill-'insurance'.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra fis-18:28 hrs.

**37.7.14** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7411/26/9** 'Sabiex jiġi approvat ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2025 skont kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.8 MISTOQSIJIET

**37.8.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar il-'claim' li kienet infetħet mal-'insurance' fir-rigward tal-binja fejn hemm il-'community police'. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit kien irranġa r-rapport u ntbagħat lill-'insurance' minn naħa tal- ex Segretarju Eżekuttiv, però trid tiċċekkja jekk il-Kunsill irċeviex lura minn naħa tal-'insurance'.

## 37.9 MOZZJONIJIET

**37.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 37.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**37.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 37.11 FINANZI

**37.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li finanzjarjament din is-sena l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni aħjar peress li s-sena l-oħra kien diġà nefaq aktar. Is-Sindku qal li huwa u l-Kuns M Lombardo ltaqgħu mas-Surmast li kien ser jagħmel il-kunċert ta' din is-sena, u ntqal li l-Kunsill bħalissa qiegħed daqxejn batut b'mod finanzjarju u li jrid isir minn kollox biex il-Kunsill jirkupra u s-sena d-dieħla jkun aħjar biex ikomplu jissaħħu l-attivitajiet. Is-Sindku qal li ħarġu bl-idea li tintbagħat ittra lin-negozji kollha tal-Fgura biex jagħtu xi ħaġa lura għal dan il-kunċert. Is-Sindku qal li dan jista jsir permezz ta' 'sponshorship', fejn in-negozji jħallsu parti mill-kunċert. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok D'. Il-Kuns J Scicluna qalet li hija ma toġġezzjonax però ma tħossx li huwa ġust fil-konfront tagħha meta ġiet imwaqqfa milli tiġbor xi 'vouchers' biex ittellagħhom fl-attivitajiet li torganizza. Is-Sindku qal li dawn huma xenarji differenti, u għaldaqstant spjega lill-Kuns J Scicluna id-defferenza f'dawn ix-xenarji. Il-Kuns J Scicluna qalet li ma ssib xejn ħażin, basta li dak li ntqal ikun jgħodd għal kulħadd.

**37.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7412/26/9** 'Sabiex jiġi approvat l-audited Annual Report and Financial Statements għas-sena 2025 hekk kif anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.11.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7413/26/9** 'Sabiex tiġi approvata r-representation letter skond kif anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**37.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmuh xi residenti rigward wieħed mill-'bus stops' fi Triq Hompesch, fejn meta tieqaf il-karozza tal-linja, peress li l-bankina mhix dritta, il-parti ta' wara tal-karozza tal-linja qed tibqa 'il barra u l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu u timblokka daħla ta' garaxxijiet li hemm fejn il-'bus stop'. Is-Sindku qal li huwa kellem lil Transport Malta biex dan il-'bus stop' jitressaq aktar 'il fuq, fil-parti d-dritta tal-bankina biex tissolva din il-problema.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7414/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jitlob li l-bus shelter bl-isem Gallu 0438 jimxi żewġ parking spaces 'il fuq biex il-karozza tal-linja tkun tista tidħol sew mal-bankina.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.12.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li għandu jitressaq ukoll il-'bus stop' li jinsab fi Triq Ħaż-Żabbar fejn il-Galleria, peress li l-karozza tal-linja ma tkunx tista tidħol sew mal-'bus shelter'. Is-Sindku qal li hemmhekk ma hemmx problema u l-karozza tal-linja tista tidħol, però ix-xufier qed jagħżel li jibqa fil-'lane' biex iwaqqaf lin-nies, sabiex ma joqgħodx jidħol u jerġa joħroġ. Is-Sindku kompla jgħid li issa qed ikun hemm 'inspectors' pajżana fuq il-karozzi tal-linja biex jaraw x'qed jagħmlu x-xufiera peress li ħafna minnhom ma humiex qed jidħlu fil-'bus bays'.

**37.12.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-mozzjoni li kienet tressqet sabiex jiżdiedu l-parkeġġi fi Triq A.M. Valperga, huwa tkellem mal-Ministru tat-Trasport, u flimkien mal-Perit ta' Transport Malta ingħata l-permess biex il-Kunsill jaħdem magħhom. Is-Sindku qal li ser ikunu qed jiżdiedu 54 parkeġġ ieħor fi Triq A.M Valperga, kif tiġi approvata l-pjanta mibgħuta minn Transport Malta.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7415/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-pjanta annessa ta' Triq A.M. Valperga fejn se ssir riġenerazzjoni u żieda fil-parkeġġi li issa ser jammontaw għal 54 parkeġġ.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**37.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' Vjal Kottoner, ix-xogħolijiet mexjin u l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Infrastructure Malta fejn iddeċidew li trid titlesta sa nofs Mejju, u għaldaqstant ser jagħlqu Vjal Kottoner. Is-Sindku qal li ser tibqa miftuħa biss il-parti t'isfel u l-parti ta' fuq ser tkun magħluqa kollha.

**37.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' Ġnien Silvio Parnis, kull ma għad fadal hija 'house visit' waħda mill-Perit u jkun jista jibda.

**37.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li bdiet is-sistema tal-irrigazzjoni fejn l-iskola fuq in-naħa ta' barra tal-bankina, u ser tkun qed issir irrigazzjoni lill-iskola wkoll peress li l-ilma għat-tisqija ser jiġi provdut mill-iskola.

## 37.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**37.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7416/26/9** 'Sabiex issir ħarġa oħra bejn Ġunju u Awwissu 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €800.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7417/26/9** 'Sabiex tiġi organizzata Festa Tfal flimkien mal-Iskejjel Primarji tal-Fgura nhar il-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2026, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €1,200.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.14.3** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tal-aħħar attività ta' 'chair yoga' li saret, fejn is-Sa Joyce Muscat li kienet qed tagħmel dawn is-sessjonijiet, infurmatha li ma tistax tkompli tagħmilhom fil-Kunsill Lokali. Il-Kuns J Scicluna qalet li tixtieq tawguralha u tirringrazzjaha tas-servizz tagħha, u qalet ukoll li kemm hi kif ukoll il-Kunsill m'għandhomx x'jaqsmu mal-attivitajiet privati li tagħmel is-Sa Muscat. Il-Kuns J Scicluna kompliet tgħid li rigward l-attivita li jmiss, din ser tkun ftit differenti minħabba li issa hija responsabbli wkoll mid-dekasteru tas-saħħa u ser jiġi psikologu jagħti s-servizz tiegħu, fejn din ser tkun miftuħa għal kullħadd kemm nisa kif ukoll irġiel. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li rigward 'wellness' u 'wellbeing' qed jiġi mfittex xi ħadd ieħor li jkun jista jagħmel is-sessjonijiet.

**37.14.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tal-attività ta' Jum l-Omm, din kienet ser issir fit-8 ta' Mejju 2026, però dakinhar hemm attività oħra tal-Kuns R Deguara fejn hi ser tattendi wkoll, u għaldaqstant ma jistgħux isiru żewġ attivitajiet tal-Kunsill fl-istess ġurnata. Il-Kuns J Scicluna kompliet tgħid li għaldaqstant qablet

mas-Sotto Kumitat li l-attività ta' Jum l-Omm għandha ssir fis-6 ta' Mejju 2026. Is-Sindku qal li meta xi ħadd mill-membri tal-Kunsill ikun jixtieq jattendi għal xi ħarġa li tiġi organizzata mill-Kuns R Deguara, l-ammont għandu jitnaqqas mill-'budget' tagħhom u mhux minn tal-Kuns R Deguara. Il-Kuns J Scicluna qablet ma' dan.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7418/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova budget addizzjonali ta' €200 marbuta mal-attività ta' Jum l-Omm b'numru ta' mozzjoni 7336/25/9.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.15 STAFF

**37.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7419/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-Performance Bonus Appraisal pro rata lill-Ex Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa Ritianne Bonnici, għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2025 u t-13 ta' April 2025, kif inhu anness bil-persentaġġ indikat fir-rapport.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**37.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7420/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa t-talba ta' dan l-istudent biex jagħmel 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura. L-isem tal-istudent jinsab anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.16 PURCHASE REQUEST FORM

**37.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7421/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' April 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok E')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.17 ĦLASIJIET

**37.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7422/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 17/03/2026 sa 15/04/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 37.18 AĠĠORNAMENT

**37.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:11 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, 2026 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli<br>Sindku | Is-Sa Ann Marie Gatt<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 22 ta' April, 2026

'Dok A'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Millison Zarb <millison.zarb@crowdnet.com.mt> |
| **Sent:** | Friday, 17 April 2026 13:27 |
| **To:** | Clayton Cascun Portelli |
| **Cc:** | Pace Zvetlana at Fgura Local Council; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; William Lewis |
| **Subject:** | Re: objection correction |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Flagged |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Mayor Cascun Portelli,

*The Fgura local council hereby submits our objection to the proposed development in Fgura with ref to Pa 0650/24*

*The application fails to comply with the Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 (DC15) in several key aspects. The massing, and site coverage are excessive and not in keeping with the surrounding streetscape. The development is likely to result in loss of privacy, overlooking, and overshadowing neighbouring properties, while also providing inadequate setbacks, parking, and waste management facilities. Furthermore, the proposal raises concerns regarding overdevelopment, poor design integration, and potential structural impacts due to excavation.*

*Additionally, there is a serious procedural issue. The plans approved by the Local Council together with the owner of the land in question differ from those submitted to the Planning Authority presently. As a result, the Local Council's feedback is no longer valid, and the consultation process has been compromised.*

*Moreover, it is to be noted that in prior discussions between the Local Council and the rightful owner, it was clearly indicated that a* ***public open space*** *should form part of the proposed development. However, the plans submitted only provide space intended for the private use of residents within the development and do not constitute a publicly accessible space for the general community. This fails to meet the expectations previously established and does not contribute to the public realm.*

*In view of the above, I respectfully request that the Planning Authority refuse the application or, alternatively, require that it be re-consulted with the Local Council based on the correct plans and in line with prior requirements regarding public space provision.*

Essentially, I just removed the mention of the height as that is compliant with the local plans and DC 15.

Kind regards,
Millison Zarb

'Dok B'

**Gatt Ann Marie at Fgura Local Council**

---

**From:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council
**Sent:** Wednesday, 08 April 2026 16:43
**To:** clayton; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council
**Cc:** Simmonds Ruth at Fgura Local Council; Bugeja Shakira at Fgura Local Council; Borg Kevin at Fgura Local Council
**Subject:** FW: No Objection Elettronika tal-Kunsill għall-Permessi tal-Festi

**Importance:** High


Gwenith Calleja
Executive Secretary
Fgura Local Council
Port Regional

Council

**t** +356 21664000 **e** fgura.lc@gov.mt



*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

126/128, TRIQ HOMPES


---

**From:** Scerri Kurt at Local Government Division <kurt.a.scerri@gov.mt>
**Sent:** Wednesday, 08 April 2026 16:22
**To:** Vassallo Emil at Local Government Division <emil.vassallo.1@gov.mt>; Scerri Kurt at Local Government Division <kurt.a.scerri@gov.mt>; Galea Christopher at Local Government Division <christopher.galea@gov.mt>
**Subject:** No Objection Elettronika tal-Kunsill għall-Permessi tal-Festi

Għeżież Segretarji Eżekuttiv,

Għall-istaġun tal-festi li ġej, il-Pulizija ser tkun qed tilqa' applikazzjonijiet **għall-armar tal-festi, marċi, programmi mużikali u purċissjonijiet** online b'mod elettroniku. Dan minflok l-permessi li normalment kienu jsiru permezz tal-kartuna l-blu.

Ninsabu infurmati li numru ta' kunsilli lokali kienu jagħtu n-"*no objection*" tagħhom permezz ta' timbru u firma fuq din l-istess kartuna l-blu. Fiċ-ċirkustanza li din kienet il-prassi fil-lokalitajiet tagħkom, qed tkunu ggwidati sabiex minn issa 'l quddiem, u għall-organizzaturi li jagħżlu li japplikaw online b'mod elettroniku, in-"no

'Dok B'

objection" tal-kunsill issir permezz ta' ittra uffiċjali fuq letterhead tal-kunsill u ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv, jew inkella permezz ta' email uffiċjali mill-istess kunsill. Din umbagħad tkun tistà tiġi *uploaded* mill-organizzaturi fuq il-pjattaforma.

Flimkien mal-festi tas-sajf, dan ser ikun qed japplika wkoll għall-purċissjonijet u marċi oħra li isiru matul is-sena u li għalihom kien isir permess mal-puluzija bil-kartuna l-blu.

Nirringrazzjakom.

Kurt Scerri M.Sc. (Gov & Mngt) B.Com. (Hons)(Melit.)
Assistant Director
Office of The Director General
Local Government Division

t +356 20908612 e kurt.a.scerri@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR CULTURE,
LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

26, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

'Dok C'

SULTANALEGAL
167, 2ND FLOOR,
ATOCIA STREET,
HAMRUN
TEL: 2125 1479 MOBILE: 9942 2447
E-MAIL: JOSETTE@SULTANALEGAL.COM

**Without prejudice**

**Fgura Local Council**
Triq Hompesch
Fgura
Malta

14 April 2026

**Re: Formal Request for Compensation – Damage Caused by Fallen Tree (Triq il-Kampanella)**

Dear Sir/Madam,

I am writing on behalf of Mr Justin Bonnici, a resident of Fgura, further to previous correspondence dated 19 September 2025, to which no satisfactory action or resolution has been provided to date.

As previously reported, a tree located on Triq il-Kampanella, which falls under the responsibility of the Fgura Local Council, collapsed onto Mr Bonnici's vehicle, causing significant damage. A police report and photographic evidence were already submitted for your review.

Despite the time that has elapsed, this matter remains unresolved. In light of the Council's responsibility to ensure the proper maintenance and safety of public property, Mr Bonnici holds the Fgura Local Council fully liable for the damages incurred.

Without prejudice to all of Mr Bonnici's rights and remedies, we hereby formally request compensation for the full cost of repairs to the vehicle. Kindly confirm, within ten (10) days from the date of this letter, the procedure for settlement of this claim and the timeframe within which payment will be effected.

Should we not receive a satisfactory response within the stipulated period, Mr Bonnici reserves the right to proceed with further action to recover the damages without further notice.

Furthermore, we reiterate our concern regarding two additional trees on the same street which appear to be in a dangerous condition. Given the incident in question, the Council is urged to take immediate action to inspect and address these hazards to prevent further damage or potential injury.

We expect your urgent attention to this matter and look forward to your prompt reply.

Yours faithfully,

Av. Dr. Josette Sultana LL.D.

Mark Lombardo

Finanzi

'Dok D' 25

Lill-okkupant ta' dan in-negozju,

Bħala Kunsill Lokali, ir-rwol tagħna huwa li nħarsu kemm lir-residenti kif ukoll lill-komunità kummerċjali. Għalhekk, fejn ikun hemm bżonn l-assistenza tal-Kunsill, aħna dejjem nippruvaw inkunu minn ta' quddiem biex insibuna ta' spalla.

Din is-sena, il-Kunsill Lokali ddeċieda li joffri opportunità sabiex inti, bħala sid ta' negozju ġewwa l-Fgura, ikollok il-possibbiltà li tirreklama s-servizz jew in-negozju tiegħek waqt attività li qed norganizzaw għal Jum il-Fgura, li ser issir f'Ottubru.

Din l-attività tattira mijiet ta' nies, u għalhekk qed nagħtuk l-opportunità li tkun parti minnha u tirreklama n-negozju tiegħek.

Jekk inti interessat li tipparteċipa, nitolbuk tagħmel kuntatt magħna permezz tal-email fuq fgura.lc@gov.mt jew billi żżur l-uffiċċini tagħna waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju bejn it-8:00am u l-4:45pm.

Grazzi tal-appoġġ tagħkom lejn il-komunità tal-Fgura.

Insellmulkom,

Kunsill Lokali Fgura

'Dok E'

| PRFPO for CM April 2026 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 12365 | 12589 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | Mixghela 2026 - Sehem fil-Mixghela 2026 - upkeep ta' xemghat fi triq Hompesch | € 250.00 |
| 12366 | 12590 | Vince Hardware Store | 1 x paint brush 50mm, 2 x cotton rollers 25cm | € 12.88 |
| 12367 | 12591 | Vince Hardware Store | 2 x Sigma kwarts 10 ltrs shade 1 | € 156.04 |
| 12368 | 12592 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | 75 rental of LED uplighters required for Mixghela 2026 | € 1,327.50 |
| 12369 | 12593 | Vince Hardware Store | Public Convenience - Pjazza Patri Redent Gauci - 3 x vitien tal-wash hand basin, 1x pompa tal-flushing, 1 x anlge valve, 3x keys for public toilets, 1 x hogh visibility yellow vest | € 166.71 |
| 12370 | 12594 | Vince Hardware Store | 4 x Paint rollers arm short 10cm, 10 x 4 " rollers | € 19.84 |
| 12371 | 12595 | Vince Hardware Store | 1 x Mixer single leaver, 4 flex swivle | € 55.93 |
| 12372 | 12596 | Fgura UTD Football Club | Mixghela 2026 - Set up, stand by service, dismantling of roundabout next to ex tiptop in triq Hompesch including central strip | € 250.00 |
| 12373 | 12597 | Cancelled | | |
| 12374 | 12598 | Michael Attard Ltd | 2 x tyres 205/60R16 for Citroen e-Berlingo - ECO 916 | € 177.14 |
| 12375 | 12599 | Silcam Trading | 100 units - cooker lighters for Mixghela 2026 | € 79.06 |
| 12376 | 12600 | R_A Photography | Mixghela 2026 - 1 x reel, 1 x shots with drone, 1 x photos with drone | € 250.00 |
| 12377 | 12601 | Horace Enterprises Ltd | 1 x stainless steel plate + engraving ghal ma salib fi roundabout ta' Triq Hompesch | € 193.52 |
